# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it- Tlieta, 22 ta' Marzu, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 630/2020 TA**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Magic Services Limited (C53486)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tas-27 ta' Lulju 2020 (ir-rikorrent) li permezz tiegħu ppremetta u talab s-segwenti:

> Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;
>
> Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1)ta' Jannar 2012 u jippermetti lil Ministru responsabbli għall-Finanzi u għas-servizzi Finanzjarji, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;
>
> Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti tal-Greċja, ossija l-awtorita applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u għas-servizzi Finanzjarji, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita applikanti;

Illi l-kumpanija intimata għandha taxxa dovuta lill-awtorita' applikanti tal-Greċja fl- ammont ta' seba' miljuni, erba' mija, sitta u ħamsin, sitt mija u sebgħa u għoxrin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€7,456,627.24), kif jidher mill-Istrumenti Uniformi li jippermettu Infurzar hawn annessi u immarkati bħala Dok. ''A', Dok. 'B' u. Dok. 'C', oltre interessi skont il-liġi;

Illi l-kumpanija intimata hija indikata li tinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqs li kieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta ai termini tal Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;

Illi madanakollu, l-kumpanija intimata għandha dritt għal traduzzjoni tal-istess dokumenti annessi f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'D' sabiex l-kumpanija intimata tkun speċifikament infurmata illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' l-imsemmija dokumenti annessi.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', Dok. 'B', Dok. ''Cu Dok. 'D', jiġu notifikati lill-kumpanija intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', Dok. 'B' u Dok. 'C' bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv.

Rat ir-risposta ta' Magic Services Limited (is-Soċjeta' intimata) li permezz

tagħha wieġbet is-segwenti:

1.1.Illi permezz tar-rikors promotur, il-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex essenzjalment tordna r-reġistrazzjoni ta' dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet f iskall Griegi sabiex dawna jikkostitwixxu titolu eżekuttiv fil-konfront tal-esponenti;

1.2.Illi dan qed jintalab a bażi tal-Avviż Legali 153 tas-sena 2012;

1.3.Illi bir-rispett kollu dovut, is-soċjetà esponenti hija konvinta illi l-proċeduri adottata mill-Awtoritajiet Maltin hija waħda li fl-aħjar ipoteżi ferm affrettata, prematura u inkonsiljabbli u fl-agħar ipoteżi nulla, abbużiva u skorretta stante li i) ma tagħmel l-ebda referenza għall-proċeduri istitwiti mill-istess Magic Services Limited fl-istat membru minn fejn oriġinat it-talba għal ħlas ta' taxxa, sabiex l-istess talbiet jiġu dikjarati nulli fil-mertu u ii) agħar minn hekk, ma tagħmel l-ebda referenza għall-fatt li l-istess Magic Services Limited, irnexxiela tottjeni dikjarazzjonijiet ġudizzjarji fil-Greċja li t-talbiet fiskali m'għandhomx jiġu esegwiti qabel ma jintemmu l-proċeduri kollha.

1.4. Illi għaldaqstant l-esponenti topponi bil-qawwa kollha għall-proċedura mibdija bir-rikors odjern.

**2. Raġunijiet għall-oppożizzjoni għall-proċedura mibdija mill-Kummissarju tat-Taxxi.**

2.1.Illi filwaqt li huwa minnu li l-Avviż Legali 153 tal-2012 (li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE), jrid jiffaċilita l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' natura fiskali bejn il-pajjiżi membri, żgur li dan ma jfissirx eżekuzzjoni f'pajjiż terz meta fil-pajjiż li minn fejn oriġinat it-talba, tali talba ġiet ikkontesta b'suċċess tant li l-Qrati ta' dak il pajjiż ordnaw is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni!

2.2.Illi **jidher** li l-Awtoritajiet fiskali Griegi ma nfurmawx lill-awtoritajiet Maltin b'dawn il-proċeduri tant li ma ssir l-ebda referenza għalihom fir-rikors promotur;

2.3.Illi flimkien ma' din ir-risposta qiegħed jiġi anness dikjarazzjoni uffiċjali debitament apostillata rilaxxata mill-avukati li qed isegwu l-proċeduri ġewwa l-Greċja li tispjega fid-dettall dawn il-proċeduri - Dok MS1:

2.4.Illi dawn il-proċeduri, li huma naturalment fil-lingwa Griega, qegħdin jiġu tradotti fil-lingwa ingliża u l-esponenti tipprometti li tesebihom fl-atti una volta jkunu kompletati;

2.5.Illi di fatti l-Avviż Legali 153 tat-2012, jaħseb għal emenda jew irtirar tat-talba li tkun saret mill-Awtoritajiet ta' pajjiż membru u dan in vista ta' xi deċiżjoni li tkun ittieħdet minn Qorti ta' dak il-pajjiż membru:

"10(1) Talba magħmula taħt l-artikolu 9 tista' tiġi emendata jew irtirata. L-awtorità applikanti **għandha** tinforma lill-awtorità rikjesta bl-emenda jew bl-irtirar, u bir-raġunijiet li wasslu għall-emenda jew l-irtirar.

(2**) Meta l-emenda tat-talba hija dovuta għal deċiżjoni mogħtija mill-qorti kompetenti tal-awtorità applikanti**, l-awtorità applikanti **għandha tikkomunika d-deċiżjoni lill-awtorità rikjesta** flimkien ma' Strument Uniformi Rivedut li Jippermetti l-Infurzar fl-Istat Membru, rikjest kif previst fil-Hames Skeda. L-awtorità rikjesta għandha tipproċedi bit-tehid ta' miżuri ta' rkupru ulterjuri fuq il-bażi tal-istrument rivedut."

2.6Illi inoltre r-regolament 12 (subinċiż 7) tal-istess Avviż Legali jistipula hekk:

"(7) (a) Meta tinbeda proċedura ta' ftehim reċiproku mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru applikant jew tal-Istat Membru rikjest, u **l-eżitu tal-proċedura jista' jaffettwa t-talba li għaliha ġiet mitluba l assistenza**, il-miżuri ta' rkupru **għandhom jiġu sospiżi jew jitwaqqfu sakemm dik il-proċedura tkun intemmet"**

2.7Illi di piu', r-regolament 13(1) tal-istess Avviż Legali jgħid illi:

"13.(1) L-Istat Membru rikjest jista' **<u>jirrifjuta li jagħti assistenza</u>** għal talba ppreżentata mill-awtorità applikanti: (a) skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 9 sa 12, jekk l-irkupru tat-talba, fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-debitur, joħloq diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji fl-Istat Membru rikjest".

2.8.Illi apparti li, anke mad-daqqa t'għajn, is-somma mitluba in ezekuzzjoni f'Malta, in konnessjoni ma' proċeduri li għadhom pendenti u sospiti fil-Greċja, ser

twassal neċessarjament għar-roving finanzjarja tas-soċjeta' esponenti, irid jingħad illi, kif ser jiġi debitament ippruvat, waħda mill-konsiderazzjonijiet li fuqhom il-qrati Griegi aċċettaw li jissospendu l-eżekuzzjoni kienet proprju minħabba din ir-raġuni. Għalhekk, huwa inkonċepibbli kif meta fil-Greċja, l-awtoritajiet ġudizzjarji iddeċidew li jissosspendu l-eżekuzzjoni anke minħabba l-preġudizzju serju ekonomiku, - awtoritajiet Maltin jibqgħu għaddejjin bl-ezekuzzjoni lalta - speċjalment meta l-liġi u d-Direttiva jistipulaw espressament li l-Istat Membru rikjest (f'dan il-każ, Malta) għandu kull dritt li jirrifjuta li jagħti l-assistenza f'każ li jista' joħloq diffikultajiet ekonomiċi serji.

2.9.Għaldaqstant anke minħabba li evidentement il-proċedura stipulata fil-ligi ma gietx segwita, l-esponenti titlob li okkorrendo tressaq:

(i) xhieda kemm viva voce u kemm dokumentarji rigward il-proċeduri quddiem il-Qrati Griegi,

ii) rappreżentanti tal-Kummissarju rikorrenti sabiex jixhdu dwar jekk l- awtoritajiet Griegi tawx l-informazzjoni sħiħa u korretta lill-awtoritajiet Maltin fosthom dwar is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni fil-Greċja, u

iii).xhieda dwar il-preġudizzju fatali li ssofri l-esponenti kemm-il darba hija tiġi mġegħla tissubixxi l-eżekuzzjoni ta' somom (kważi 7.5 miljun Ewro!) li għadhom sub judice fil-pajjiż oriġinarju.

3. Konklużjoni;

3.1.Għaldaqstant is-soċjetà esponenti topponi fermament it-talbiet kontenuti fir rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi u tirriserva kull dritt spettanti lilha, kemm taħt il liġijiet ta' Malta kif ukoll dawk komunitarji.

3.2. Tirriserva wkoll id-dritt tagħha li titlob investigazzjoni dwar kwalsijasi nuqqas ta' informazzjoni u/jew informazzjoni skorretta mogħtija mill-awtoritajiet Griegi lill awtoritajiet Maltin.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti.

Rat in-nota tar-rikorrent tas-26 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha l-ammont li qed ikun mitlub li jiġi reġistrat tnaqqas għal żewġ miljuni, sitta u tmenin elf, ħames mija u ħamsa u ħamsin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,086,555.54).

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għall-provvediment.

**Konsiderazzjonijiet:**

Din il-proċedura hija talba imsejħa fuq d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar assistenza reċiproka fl-Unjoni Ewropea għall-irkupru ta' talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi u miżuri oħra. Din id-Direttiva tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuti minn debituri ta' Stat Membru tal-istess Unjoni li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, apparti miżuri oħra.

Din id-Direttiva ġiet implimentata u trasposta fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Avviż Legali Numru 153 tal-2012 (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.08), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012. Is-sub regolamenti (1), (2) u (5) sa (8) tar-Regolament 9 tal-Avviż Legali jipprovdu s-segwenti:

*"(1) Talba minn awtorità applikanti lil awtorità rikjesta għall-irkupru ta' talba li hija suġġetta għal strument li jippermetti infurzar fl-Istat Membru applikant, flimkien mal-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar, għandha ssir fuq il-formoli standard previsti taht ir-Raba' u l-Ħames Skeda rispettivament.*

*(2) It-talba għall-irkupru tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti ohra li ghandhom x'jaqsmu mat-talba mahruġa fl-Istat Membru applikant.*

*(3) L-awtorità rikjesta, meta tirċievi l-istrument li jippermetti l-infurzar, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, kif ikun il-każ, permezz ta' rikors, biex tordna r-reġistrazzjoni tal-imsemmi dokument, u biex tiddikjara li r-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva jkunu ġew imħarsa. It-talba għandha tiġi speċifikata fil-munita Maltija.*

*(4) Il-Qorti għandha tordna li kopja tal-imsemmi rikors u tad-dokument għandhom jiġu notifikati lid-debitur u lil kull parti oħra indikata fir-rikors.*

*(5) Il-Qorti għandha tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument inkwistjoni, u d-dokument għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.*

*(6) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jżomm record u kopja tar-rikorsi kollha li għalihom japplika dan l-artikolu. Huwa għandu minnufih jinforma lill-awtorità rikjesta kull meta issir notifika ta' dak ir-rikors u kull meta tiġi identifikata jew tinqala' diffikultà b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' xi notifika bħal din."*

Sa fejn jirrigwarda l-appikazzjoni ta' dan id-dokument dawn il-Qrati adottaw metodi differenti. L-argument fir-rigward ta' dan il-metodu hu, li l-persuna li trid tħallas it-taxxa dejjem ser ikollha disponibbli għaliha proċedura f'pajjiżi biex tattakka it-taxxa li tkun ġiet esegwita. Hemm Qrati oħrajn, bħal din il-Qorti kif presejduta, tappuntah għas-smiegħ. Din il-Qorti dejjem ħasset li jkun utli li l-persuna li tkun qed tintalab it-taxxa li tinstema' għaliex il-prinċipju ta' smiegħ xieraq huwa sagrosant.

Mhux l-ewwel darba li jiġri li anke l-ammont mitlub ma jibqax jintalab li jinġabar jew li jkun ridott sostanzjalment bħal ma huwa il-każ li għandha quddiemha il-Qorti f'dawn il-proċeduri. Di fatti l-ammont minn 'l fuq sebgħa miljun ewro ġie ridott drastikament bit-tona fuq imsemmija. Il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax u fatt li l-Awtoritajiet ta' pajjiż kommunitarju li jitolbu l-assistenza ta' pajjiż ieħor kommunitarju sabiex jiġbor it-taxxa ta' ċittadin tiegħu u ma jagħmilix il-verifikazzjonijiet tiegħu sewwa qabel jirrikorri għal talba taħt dan ir-regolament.

Is-Soċjeta intimata issostni l-argumenti tagħha anke billi produċiet dokumenti li l-bilanċ li qed jintalab qiegħed ikun kontestat quddiem l-Awtoritajiet kompetenti Griegi (ara fol 99). Dan ma jidhirx li huwa kontestat mill-Awtoritajiet tat-Taxxa Griegi, pero jgħidu li il-parti li qed tintalab u ċioe' l-ammont ta' żewġ miljuni, sitta u tmenin elf, ħames mija u ħamsa u ħamsin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,086,555.54) dan xorta għadu jista' jintalab għaliex ma hux il-mertu mit-talba għas-sospensjoni għall-ġbir tat-taxxa tal-ordni maħruġa mill-Awtoritajiet Griegi. Di Fatti fid-dokumenti dawn l-Awtoritajiet għidu hekk:

"Administrative appeals against all of the tax claims were filed by the company to 15/16 the competent Greek Tax Authorities. According to the law, when filing an administrative appeal, recovery of the 50% of the claims is suspended as long as the other 50% has been paid by the debtor (partial suspension of recovery). In this view, the company also filed a request and got a suspension of the recovery for the other 50% that had to pay However, this period of suspension expired on 01-03-2019 and from then on the company has not paid the 50% of the claims. 2. The above mentioned administrative appeals were tacitly rejected by the tax authorities and therefore afterwards the company indeed filed appeals against the claims to the competent Greek courts. The hearing date for the judicial appeals has been set for 9th June 2021. However there was no request for suspension of recovery filled along with the judicial appeals. 3. Later on Greek authorities initialized enforcement procedure by sending to the company the A/A. 14/2019 notice for payment. The company filed a caveat at the competent court against that notice for payment which was

also accompanied by a request for suspension (request for a stay of the execution-continuing the enforcement procedure). Indeed, the court's judgment (376/2019) was to grand the company a temporary suspension of the enforcement procedure initiated with the A/A 14/2019 notice for payment, until a decision on the caveat is issued. A hearing date for the caveat has not yet been set. 4. <u>However, a part of the claims included in this recovery request were not included in the A/A 14/2019 notice for payment and therefore are still due and payable according to the Greek law. In particular, claims with ref, no: ATB: 47 /2/ 15-01-2019 and ATB: 49/5/15-01-2019 are still due, payable and recoverable".</u>

L-ewwel dokument u ċioe dak bin-numru ta' referenza ATB:47/2/15-01-2019 huwa fl-ammont ta' disgħa mija u ħamsa u sebgħin elf, mija u sitt ewro u ċentenżmu (€975,106.1) u l-ieħor ATB: 49/5/15-01-2019 huwa fl-ammont ta' miljun mija u ħdax -il elf, erbgħa mija u tlettax-il ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu ( 1, 111,413.27) [ara fol 8 u 51 u fol 15 u 60]. Dan ġie ukoll konfermat minn Dr. Mandy Aġius permezz ta' affidavit (a' fol 67) Dawn flimkien iġibu l-ammont ridott skont in-nota fuq imsemmija (a' fol 49).

Mid-dokument preżentat mis-Soċjeta' intimata jirriżulta li huwa minnu li l-Awtoritajiet Griegi ssospendew l-esekuzzjoni, iżda minn dan id-dokument din il-Qorti ma tistax tasal bi preċiżjoni li din tolqot iż-żewġ kontijiet tat-taxxa fuq imsemmija. Il-Qorti tifhem, li s-sospensjoni hija fir-rigward ta' dik il-parti tas-somma li kienet oriġinarjament mitluba mir-rikorrent permezz ta' dawn il-proċeduri. Imma anke fir-rigward tal-ammont li ser ikun qiegħed jiġi aċċettat

minn din il-Qorti, dan ma jfissirx li dawn ma jistgħux ikunu kkontesti bil-mezzi li tagħti l-liġi tal-pajjiż membru kommunitarju li talab l-assitenza tar-rikorrent bir-regolament apposit.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed tipprovdi billi tilqa' t-talbiet rikorrenti ai termini tal-artikoli 9(6) u (7) tal-avviż legali 153 tal-2012 u tordna ir-reġistrazzjoni tad-dokumenti relattivi għal kontijiet ta' taxxa bir-referenza numru ATB:47/2/15-01-2019 (a' fol 8 u 51) u ATB/5/15-01-2019 (a' fol15 u 59-60) li flimkien jirreferu għall-ammont ridott u ċioe' dak ta' żewġ miljuni sitta u tmenin elf, ħames mija u ħamsa u ħamsin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,086,555.54).

Għal kull bwon fini jiġi dikjarat, li din il-Qorti mhux qed tipprovdi għan-notifika kif mitluba fir-rikors peress li din diġa' saret u għalhekk eżawrita.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**